FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 20 TA' OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Wayne Delia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 574785M akkuzat talli:

1. f'xi hinijiet bejn it-13 ta' Dicembru 2012 u l-14 ta' Dicembru 2012 mill-fond numru 26 li jinsab fi Triq Guze' D'Amato Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' flus, bottijiet tal-Kafe' u/jew oggetti ohra liema serq hu aggravat, mil-mezz, lok, u hin ghad-detriment ta' Noel Grech minn Haz-Zabbar u persuni ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjamnet hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fl-imsemmi fond liema hsara ma tiskorrix €116.47, u imma izjed minn €23.29 li saret ghad-dannu ta' Noel Grech minn Haz-Zabbar u persuni ohra;
3. fix-xahar ta' Dicembru 2012 u/jew fil-jiem u/jew fix-xhur ta'qabel, f'dawn il-Gzejjer naqas milli jharaes xi wahda u/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet impostu fuqu mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti Istruttorja, minn diversi digrieti u li permezz taghhom huwa nghata il-helsiem mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid, u/jew gewwa ghases ohra u li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volotarja;

Il-Qorti hi mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka contrario imperio' d-digrieti msemmija u tordna l-arrest mill-gdid ta' Wayne Delia , kif ukoll, li tordna li s-somom depozitati fir-registru ta' din il-Qorti, u somom ohrajn bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, u jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (fol 171) li permezz tieghu baghat l-atti lil din il-Qorti biex tiggudika dwar htija jew nuqqas taghha tal-imputat, ghall-akkuzi ai termini tar-rinviju.

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat.

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju, l-imputat hu akkuzat b'serq aggravat bil-mezz, bil-lok u hin, hsara volontarja taht il-€250, recediva u li naqas li jhares xi kundizzjoni imposta fuqu ghall-helsien mill-arrest.

Mill-atti tal-kawza, senjatament, mill-fatt li nstabu l-impronti tal-imputat u fejn instabu, hija prova sufficjenti u determinanti biex il-Qorti ssib l-imputat hati ta' serq u tal-hsara volontarja. Il-provi in atti iwasslu wkoll ghall-komvicju tal-imputat ghall-ahhar zewg akkuzi ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali li saret referenza ghalih aktar il-fuq.

Ghalhekk fuq l-iskorta tal-Artikolu 261 (b)(e)(f), 264, 265, 269, 270, 278, 280, 281, 325(c), 49, 50, 289, 579(2), u 17 (b)(h) tal-Kap 9, tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal-tlett snin mill-lum u bil-kundizzjoni specifika li jtemm b'success l-programm ta' rijabilitazzjoni li huwa qieghed jaghmel.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat